MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 18/2006

L-avukat Dottor Anton Refalo
Bħala mandatarju tal-imsefrin
John u Antontia Konjuġi Refalo,
U dan kif awtoriżżat skond kopja
Tal-annessa prokura markata bħala
Dokument ‘A’ .

vs

Joseph u Maria konjuġi Axiaq,
Kif ukoll Paul Axiaq.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat li permezz tiegħu l-attur nomine, wara li ppremetta illi:

1. Illi l-attur nomine huwa proprjetarju tal-garaxx li jġib in-numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, Xewkija, Għawdex b’art annessa miegħu, bl-intier tal-kejl

ta’ ċirka elfejn disgħa u tletin metri kwadri (2039m.k.) u dan kif akkwistat in forza ta’ kuntratt pubbliku li sar għand in-Nutar Michael Refalo tal-

2. Illi l-konvenuti jew min minnhom mingħajr ebda titolu okkupaw u qed jokkupaw dawn l-istess ambjenti u anki tefgħu diversi oġġetti ġol-istess maħżen u ambjenti tiegħu;
3. Illi l-konvenuti jew min minnhom għandhom għalhekk iħallsu lill-atturi għall-okkupazzjoni illegali tagħhom tal-istess fond bl-ampjenti kollha tiegħu, liema fond u l-ambjenti kollha tiegħu huma ilhom jokkupawhom sa mill-

4. Illi l-istess konvenuti għalkemm ġew interpellati diversi drabi biex jiżgumbraw minn dawn l-ambjenti, huma baqgħu jirrifjutaw li jagħmlu dan;

5. Illi dawn il-fatt qed jiġu dikjarati mill-attur nomine li għandu konoxxenza proprja tagħhom.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-fond ossija garaxx li jġib in-numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, Xewkija, Għawdex b’art annessa miegħu, bl-intier tal-kejl ta’ ċirka elfejn disgħa u tletin metri kwadri (2039m.k) huwa proprjeta esklussiv tal-attur nomine;

2. Tiddikjara wkoll illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw l-imsemmija garaxx li jġib in-numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, Xewkija, Għawdex b’art annessa miegħu, bl-intier tal-kejl ta’ ċirka elfejn disgħa u tletin metri kwadri (2039m.k.) mingħajr titolu validu fil-liġi;

3. Tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jiżgumbraw mill-istess fond ossija garaxx li jġib in-numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, Xewkija, Għawdex b’art annessa miegħu, bl-intier tal-kejl ta’ ċirka elfejn disgħa u tletin metri kwadri (2039m.k.), akkwistat bil-kuntratt hawn fuq ċitat u jgħaddu lura lill-attur nomine l-pussess vakant tal-istess proprjeta’;

4. Tiddikjara wkoll illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni versu l-atturi għal okkupazzjoni tagħhom illeċita tal-istess proprjeta’ hawn fuq deskritta;

5. Tillikwida d-danni li l-konvenuti jew min minnhom għandhom iħallsu lill-attur nomine għall-okkupazzjoni tagħhom tal-istess proprjeta’;
6. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur nomine d-danni kollha hekk likwidati minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Settembru 2004 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuti, li permezz tagħha eċċepew illi:

1. In linea preliminari, l-intimati konvenuti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa null u bla ebda effett fil-liġi stante illi l-istess rikors kif intavolat huwa nieqes mill-elementi illi titlob il-liġi għall-validita’ tiegħu, liema elementi jġibu n-nullita’ tar-rikors odjern u dan ai termini tal-Artikolu 156 et seq., tal-Artikoli 789 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll taħt l-emendi fil-Liġi Civili li saru fl-2004;

2. Mingħajr preġudizzju għall-premess, in linea preliminari, l-intimati konvenuti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa ukoll null u bla ebda effett fil-Liġi stante illi l-istess rikors kif intavolat huwa nieqes minn elementi essenzjali fis-sustanza tiegħu b’tali mod u manjiera illi l-premessi tal-istess rikors ma humiex ċari u għalhekk ipoġġu lill-intimati konvenuti f’impossibilta’ illi jiddefendu d-drittijiet tagħhom bl-aħjar mod;

3. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti għandhom fuq l-imsemmi mmobbli titolu ta’ kera minn għand Emanuel Grima, s-sid oriġinali tal-imsemmija mmobbli, u għaldaqstant ma

jistgħux jiġu żgumbrati mill-imsemmija immobbli mill-atturi rikorrenti;

4. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti għandhom titlu ta' pussess fuq l-imsemmija mmobbli, stante illi ilhom jokkupaw l-imsemmija mmobbli fond bil-kunsens ta' Emanuel Grima, s-sid oriġinali tal-imsemmija immobbli u ilhom rikonoxxuti fil-pussess tal-imsemmija immobbli mill-imsemmi Emanuel Grima, għal bosta u bosta snin;

5. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti għandhom fuq l-imsemmija mmobbli titolu ta' kommodat;

6. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti għamlu wkoll diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni u meljoramenti fl-imsemmija mmobbli, liema benefikati saru bil-kunsens u bil-pjena approvazzjoni ta' Emanuel Grima, il-proprjetarju oriġinali tal-imsemmija mmobbli. Illi għalhekk, la darba l-benefikati u l-meljoramenti fl-istess fond saru bil-kunsens u bl-approvazzjoni tal-imsemmi Emanuel Grima, l-intimati konvenuti għandhom kull dritt li jżommu l-pussess ta' l-imsemmija mmobbli u ma jirrilaxxjahx qabel ma huma jitħallsu tal-benefikati u meljoramenti kollha magħmula fl-imsemmi fond;

7. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti jeċċepixxu wkoll illi huma għamlu żmien twil jirrendu serviġi, kuri u assistenzi, lill-imsemmi Emanuel Grima, illi jiġi z-ziju tal-intimat konvenut Joseph Axiak, u dan minn naħa tiegħu in kumpens ta' lill-istess intimat konvenut il-pussess inkondizzjonat in perpetwu u l-użu inkondizzjonat in perpetwu tal-imsemmija mmobbli u għaldaqstant ma hux korrett dak li qed jgħid l-attur rikorrent nomine illi l-intimati konvenuti qed jokkupa l-imsemmija mmobbli mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi;

8. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, l-intimati konvenuti jeċċepixxu wkoll illi l-attur

rikorrent nomine, kien jaf dawn il-fatti kollha eċċepiti mill-intimati konvenuti, meta l-attur rikorrenti nomine resaq għall-kuntratt ta’ donazzjoni illi l-istess attur rikorrenti nomine għamel referenza għalih fir-rikors odjern, u għalhekk ma jistax jiġi issa wara li kellu konoxxenza sħiħa ta’ dawn il-fatti jitlob illi l-intimati konvenuti jiġu żgumbrati mill-imsemmija mmobbli;

9. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, għar-raġunijiet premessi, l-intimati konvenuti jeċċepixxu wkoll illi l-attur rikorrenti nomine, wisq anqas ma għandu l-ebda dritt illi jitlob xi danni minħabba l-okkupazzjoni tal-imsemmija mmobbli mill-intimati konvenuti.

Għaldaqstant, it-talbiet tal-attur rikorrent nomine għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu nomine.

Bir-riserva ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri u bir-riserva ta’ kull dritt u azzjoni spettanti fil-liġi lill-intimati konvenuti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-atti kollha relattivi u sussegwenti, inkluż l-ittra bonarja ta’ Settembru 2004.

Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Gunju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur nomine.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Rat ukoll l-atti tal-kawża Avviż numru 34/2004 fl-ismijiet: "Dottor Anton Refalo noe. vs Joseph Axiaq," annessi bid-digriet tagħha tat-2 ta' Mejju 2006.[1]

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur nomine talab li din il-Qorti tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond bir-raba annessa miegħu ndikat fir-Rikors Guramentat, li

[1] a fol. 15 - 16 tal-process .

allegatament l-intimati jew minn minnhom qed jokkupaw mingħajr titolu validu fil-liġi. Talbu wkoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kkaġunati lilhom minħabba din l-okkupazzjoni.

Il-konvenuti eċċepew preliminarjament in-nullita' tar-Rikors promotur minħabba diversi nuqqasijiet minnhom indikati fir-Risposta Guramentata tagħhom. Fil-mertu mbagħad eċċepew illi l-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw il-fondi deskritti b'titolu ta' kera, pussess, kommodat, għax għandhom id-dritt tal-*jus retentionis*, għax il-konvenut Grima tahom il-pussess inkondizzjonat u in perpetwu minħabba li rrendewlu diversi serviġi, u għax il-konvenuti konjuġi Refalo ġabu *a self-inflicted hardship* fuqhom infushom meta aċċettaw li jirċievu mingħand il-konvenut l-ieħor il-fondi in kontestazzjoni b'titolu ta' donazzjoni.

L-ewwel eċċezzjoni preliminari ġiet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata minn din il-Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-21 ta' April 2010.[2]

Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jgħidu illi r-Rikors odjern huwa null għax nieqes mill-elementi essenzjali fis-sustanza tiegħu b'tali mod u manjera illi l-premessi ta' l-istess Rikors mhumiex ċari u għalhekk ipoġġu lill-intimati f'impossibilita' li jiddefendu ruħhom bl-aħjar mod. L-artikolu 156(1) tal-Kap. 12 jistipula x'għandu jkun fih ir-Rikors Guramentat. Dan kollu jidher li għamlu l-attur nomine, u mill-kontenut ta' l-istess Rikors wieħed malajr jifhem li huwa kien qed ifittex li jakkwista l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fondi ndikati fir-Rikors li allegatament kienu qed jokkupaw mingħajr ebda titolu, u li l-mandanti tiegħu jiġu kkumpensati għal tali okkupazzjoni. Tant il-konvenuti jidhru li fehmu x'kien qed jiġi premess u jintalab u li allura ma kienux żvantaġġjati bil-mod kif formulat dan ir-Rikors, li huma ppreżentaw ir-Risposta ġuramentata tagħhom u fiha ressqu numru konsiderevoli ta' eċċezzjonijiet biex jiddefendu ruħhom mill-aħjar li setgħu. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih miċħuda.

---

[2] a fol. 143 tal-process .

Niġu issa għalhekk għall-mertu. Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti. Certu Emanuel Grima, hu l-attriċi Antonia Refalo u kuġin tal-konvenut Joseph Axiak, kien il-propjetarju tal-garaxx bir-raba annessa miegħu indikati fir-Rikors odjern.  F'xi żmien il-konvenut Axiak irritorna mis-safar bil-familja tiegħu u offra lill-Grima biex jibda jgħinu fil-kultivazzjoni tal-raba ta' daqs konsiderevoli li kellu anness ma' dan il-garaxx. Grima, billi kien qed javanza fl-eta' aċċetta, u biex jiffaċilita l-aċċess għal Axiaq għal din ir-raba tah ukoll kopja taċ-ċavetta tal-bieb tal-garaxx, li minnu kien hemm id-dħul għal din ir-raba. Maż-żmien din ir-raba kienet qed tinħadem unikament minn Axiaq, li kien jagħti parti mill-wiċċ lil Grima. Axiaq li kien dilettant tal-ħamiem poġġa gabbana ta' l-injam għall-ħamiem tiegħu ġo din ir-raba, u beda juża l-garaxx biex jistiva oġġetti tiegħu u oħrajn konnessi man-negozju tat-tifel tiegħu. Fid-19 ta' Lulju 2004 Emanuel Grima ttrasferixxa dawn il-fondi b'titolu ta' donazzjoni lill-atturi konjuġi Refalo,[3] u minkejja li  l-konvenuti ġew mitluba jirrilaxxjaw l-istess fondi a libera dispożizzjoni tagħhom, dawn irrifjutaw.

Fil-mertu l-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet, uħud minnhom kontadittorji għal xulxin. Madankollu din il-Qorti xorta waħda sejra tgħaddi biex teżamina dawn l-eċċezzjonijiet waħda waħda, biex tara jistax jiġi stabilit xi titolu validu li fuqu l-konvenuti jistgħu jiġġustifikaw l-okkupazzjoni tagħhom ta' dawn il-fondi.

Fl-ewwel lok il-konvenuti jgħidu li għandhom titolu ta' **kera** fuq il-fondi in kwistjoni. Apparti l-fatt li ma ġiet prodotta ebda kitba li tista' tindika b'mod inekwivoku li dawn il-fondi tassew qed jiġu detenuti mill-konvenuti b'titolu ta' kera, jidher illi din il-pretensjoni qegħdin jibbażawha unikament fuq il-fatt, li ġie ammess mill-istess Emanuel Grima,[4] li Axiaq kien jagħtih parti mill-wiċċ li kien jiġi prodott fir-raba li kienet qed tiġi koltivata minnu. Ma jirriżultax pero' li qatt sar xi ftehim li s-sid kellu jaċċetta dawn il-prodotti minflok il-ħlas ta' kera fi flus kontanti, anzi Grima dejjem insista li

---

[3] Dok. B anness mar-Rikors promotur a fol. 6 - 7 tal-process .
[4] ara affidavit tieghu anness ma' l-atti tal-kawza : Avviz 34/2004 .

ħalla lil Axiaq jidħol bi pjaċir biss. Minn naħa l-oħra mistoqsi domanda speċifika f'dan ir-rigward mill-attur nomine, l-konvenut Joseph Axiaq wieġeb li ma kienx jippretendi li b'daqshekk kellu xi titolu fuq il-fondi in kwistjoni. Anzi jagħmilha ċara li huwa kien iqis li għandu dritt li jibqa' jokkupa l-istess fondi bħala kumpens tas-serviġi li kien irrenda lil dan Emanuel Grima għal bosta snin.[5]

Il-konvenuti jgħidu wkoll illi huma għandhom il-**pussess** tal-fondi in kwistjoni. Apparti l-fatt illi din il-pretensjoni hija diametrikament opposta għall-pretensjoni ġia ttrattata tat-titolu ta' kera, għax kif sewwa josserva l-attur nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-kerrej huwa sempliċi detentur u qatt ma jista' jipposjedi fis-sens imfisser mil-liġi, lanqas huwa ċar xi jridu jgħidu sew il-konvenuti b'din l-eċċezzjoni. Jekk qed ifissru li akkwistaw il-proprjeta' ta' dawn il-fondi bil-preskrizzjoni, iridu jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-artikolu 2107(1) tal-kap. 16, u ċioe' l-pussess kontinwu mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku għal żmien li tgħid il-liġi. Imma rriżulta ampjament li l-konvenuti qatt ma ppretendew li akkwistaw il-proprjeta' ta' dawn il-fondi. Anzi l-atturi jgħidu li ġew avviċinati diversi drabi mill-istess konvenuti biex jixtru minn għandhom l-istess fondi, u anke offrewlhom prezzijiet speċifiċi li pero' dejjem ġew rifjutati.[6] Il-konvenuti qatt ma nnegaw dan il-fatt. Barra minn hekk għall-fini taż-żmien rikjest mil-liġi għas-suċċess ta' akkwist ta' proprjeta' permezz tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ il-pussess għal tletin sena,[7] u ġie ammess mill-konvenut Joseph Axiaq illi huwa kien ilu jokkupa dawn il-fondi għal tlieta u għoxrin (23) sena, meta xehed fis-16 ta' Jannar 2009, tliet snin wara li ġiet ippreżentata din il-kawża.[8]

Il-konvenuti eċċepew ukoll illi għandhom titolu ta' **kommodat**. Dan it-tip ta' self għall-użu huwa regolat bl-artikoli 1824 - 1841 tal-Kap. 16. Tifsira tajba tiegħu ġiet

[5] ara deposizzjoni tieghu a fol. 79 tal-process .
[6] ara affidavits ta' l-attrici a fol. 155 - 156 tal-process .
[7] 2143 tal-Kap. 16 .
[8] ara deposizzjoni tieghu a fol. 78 tal-process .

mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ta' Malta.[9] Biżżejjed hawnhekk jingħad illi dan huwa kuntratt gratuwitu li jippermetti lill-kommodatarju jinqeda bil-ħaġa għal żmien jew użu determinat, bl-obbligu li jrodd lura l-ħaġa lill-kommodanti. Ir-rabta bejn il-kontraenti allura tintemm "**wara li jkun għadda ż-żmien miftiehem, inkella, fin-nuqqas ta' ftehim, wara li tkun serviet għall-użu li għalieh (il-ħaġa) ġiet mislufa**." [10] Hija appuntu din il-kondizzjoni li tiddistingwi dan it-tip ta' self mis-self l-ieħor magħruf bħala ***prekarju*** għaliex "*il-prekarju huwa kuntratt simili għall-kommodat: u dawn it-tnejn jiddifferixxu biss f'ħaġa waħda, jiġifieri l-fakolta' ta' min ikun ta l-ħaġa li tkun li jista' jeħodha lura meta jogħġbu*." [11] Infatti jidher li l-attur nomine jikkontendi illi huwa appuntu dan il-kuntratt ta' l-aħħar li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti u allura ma teżisti ebda raġuni li tiġġustifika li l-konvenuti jibqgħu jokkupaw il-fond in kwistjoni, ġialadarba qed jintalbu lura mis-sid. Kif ġia ngħad, Emanuel Grima, dejjem insista li l-konvenuti kienu qed jokkupaw dawn il-fondi bil-buona grazzja tiegħu. Lanqas ma rriżulta li l-fondi kienu ġew mislufa għal xi żmien jew skop speċifiku. Anzi jidher li Grima kien qed jittollera lil ta' Axiaq jużaw il-garaxx u jaħdmu r-raba annessa mingħajr ebda tip ta' rbit jew kundizzjoni. Kif ġie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell: "*Kif ġie kostantement ritenut minn dawn il-qrati, fid-dubbju l-kuntratt għandu jiġi interpretat fis-sens li kien anqas gravuż għall-obbligat, u ċioe' f'dan il-każ għas-soċjeta' attriċi appellanti. Mill-kumpless tal-provi prodotti u taċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami ma jistax jiġi stabilit illi l-konsenja ta' l-art kienet saret għal użu determinat u speċifiku…*". [12]

Il-konvenuti jinvokaw ukoll il-***jus retentionis.*** Kif ifisser il-**Giorgi**: "*Si distingue il gius di ritenzione legale, che cioe' nasce dalla legge senza patto contrattuale ne' esplicito ne' presunto, dal gius di ritenzione convenzionale, che ha per fondamneto la presunta convenzione tacita delle parti. …Il*

---

[9] Loenzo Zahra pro. et noe. vs. Mary Zahra : 6.10.04 per Imhallef P. Sciberras .
[10] art. 1835(1) tal-Kap. 16 .
[11] Lorenza Attard vs Michele Buontenmpo : Appell : 20.12.1946 .
[12] Teddy Rapa nomine vs Frank Rapa nomine : 26.05.2006 .

*gius di ritenzione legale e' la facolta' che senza convenzione neanche presunta delle parti, spetta al possessore e creditore di negare al suo debitore la consegna o restituzione di una cosa, fino a che questi abbia soddisfatto il debito…. Richiede cumulativamente tre condizioni, cioe' :*

*(a) detenzione di una cosa fisica, non esclusi per altro i titoli o documenti materiali di un credito, da restituirsi o consegnarsi al debitore;*

*(b) detenzione legittima…;*

(c) *un credito certo, liquido e connesso*." [13]

Il-konvenuti qegħdin jippretendu li jibqgħu jokkupaw il-fondi in kwistjoni għax għamlu xi spejjeż fihom li tagħhom għadhom ma ġewx ikkumpensati mis-sid. Apparti l-fatt illi Emanuel Grima u anke l-atturi preżenti oġġezzjonaw għal dawn ix-xogħlijiet, u infatti intavolaw kawża ta' spoll appuntu dwar l-istess xogħlijiet,[14] il-konvenuti qatt ma speċifikaw x'kienu dawn ix-xogħlijiet li tagħhom qed jippretendu li jiġu kkumpensati u wisq inqas l-ispejjeż involuti.

In oltre l-konvenuti jesiġu li jibqgħu jokkupaw dawn il-fondi bħala **kumpens** għas-serviġi li jallegaw li rredew lill-imsemmi Emanuel Grima matul diversi snin. Fil-kors tal-ġbir tal-provi l-konvenuti jagħtu ndikazzjoni ta' x'kienu dawn is-serviġi. Madankollu, anke jekk tassew ġew reżi, dan ma jista' qatt jintitolahom jibqgħu jokkupaw l-istess fondi għal din ir-raġuni. Il-fatt waħdu li wieħed jirrendi xi serviġi ma jittrasferix il-proprjeta', u anke jekk Grima verament kien wiegħed lill-konvenuti li kien ser iħalli dawn il-fondi lilhom, dan baqa' m'għamlux la b'mezzi *inter vivos* u lanqas *causa mortis*. Infatti bl-aħħar testment tiegħu Grima spiċċa ħalla lill-oħtu l-attriċi bħala unika eredi

[13] Teoria Delle Obbligazioni del Diritto Moderno Italiano : 7ma ed. 1911 vol. II para. 378 -386 .
[14] Qorti ta' Ghawdex, Superjuri Civili, Gurisdizzjoni Generali : John Refalo et vs Joseph Axiaq et. (Rik. nru. 62/2007) .

tiegħu,[15] u bil-kuntratt ta' donazzjoni hawn fuq indikat, ttasferixxa proprju dawn il-fondi lill-atturi konjuġi Refalo.[16]

Fl-aħħarnett il-konvenuti jagħmlu referenza għas-**self inflicted hardship** ta' l-atturi. Jgħidu li l-atturi qatt ma messhom aċċettaw li jakkwistaw dawn il-fondi meta kienu jafu li jinsabu okkupati minnhom. Imma ma jidhirx li dan il-kunċett huwa applikabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi. Normalment eċċezzjoni simili tingħata f'kawżi quddiem il-Bord tal-Kera jew tal-Qbiela meta jkun irid jiġi eżaminat il-*hardship* rispettiv tal-kontendenti, taħt il-liġijiet speċjali li jirregolaw ir-rilokazzjoni ta' kera u mhux ukoll f'kawżi ċivili għall-iżgumbrament bħal ma għandna fil-każ in eżami.

Jibqa' biss għalhekk sabiex jiġi eżaminat jekk l-atturi humiex intitolati għad-danni għal din l-okkupazzjoni da parti tal-konvenuti. Imma f'dan ir-rigward l-attur nomine ma ressaq ebda tip ta' prova biex jissostanzja l-allegazzjoni li l-mandanti tiegħu sofrew xi danni. Irriżulta illi l-atturi jirrisjedu fl-esteru u jiġu Għawdex biss għall-vaganzi ta' ftit ġimgħat. Imkien ma ġie allegat illi kemm kienu jdumu hawn xtaqu jagħmlu użu mill-garaxx in kwistjoni jew ir-raba annessa miegħu. L-unika interess tagħhom kien li jfittxu jiżgombraw lill-konvenuti minn dawn il-fondi ħalli jkunu jistgħu joffruhom għall-bejgħ. Imma ma sar ebda aċċenn għal xi okkażżjoni ta' bejgħ li ntilfet minħabba din l-okkupazzjoni da parti tal-konvenuti. Anzi l-uniċi proposti kumpraturi li ssemmew kienu l-istess konvenuti u ħadd aktar. F'tali ċikostanzi, billi ma rriżultaw ebda danni, l-aħħar tliet talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti ħlief dik li tirrigwarda d-danni, tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi u:

1. tiddikjara illi l-fond ossia garaxx li jġib in-numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, Xewkija, Għawdex, bl-art annessa miegħu, bl-intier tal-kejl ta' circa

[15] Dok. AR 1 a fol. 170 tal-process .
[16] Dok. B a fo. 6 - 7 tal-pocess .

elfejn disa' u tletin metru kwadru (2039m.k.) huwa proprjeta' esklussiva ta' l-attur nomine;

2. tiddikjara wkoll illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw l-imsemmija garaxx u art mingħajr titolu validu fil-liġi, u

3. tordna lil-istess konvenuti sabiex jiżgombraw minn dawn il-fondi fi żmien xahrejn mil-lum.

Bl-ispejjeż ikunu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti u terz (1/3) mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------